StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*) ĦIN: Siegħa u Nofs

**L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Din il-karta fiha SITT taqsimiet. L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġiba tat-Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Agħżel it-tweġiba tiegħek mill-kliem li ġejjin**:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| identità | komunità | is-soċjalizzazzjoni | għajnuna | komunikazzjoni | ċittadin |
| ekonomija | valuri | etika tax-xogħol | rispett | demokratiku | ġustizzja |

1. It-televiżjoni, il-gazzetti, ir-radju u l-internet huma mezzi qawwija ta' __________________________.
2. Meta ħaddiem ikun bieżel, serju u responsabbli ngħidu li juri ____________________________.
3. Wieħed mid-dmirijiet taċ-ċittadin huwa li jipparteċipa fl-attivitajiet tal-__________________________.
4. Sens ċiviku huwa meta ċ-ċittadin ikollu __________________________ lejn art twelidu.
5. Kull bniedem għandu r-responsabbiltà li jgħix b'__________________________ tajbin u jgħin lil ħaddieħor.
6. Solidarjetà sseħħ meta bniedem jagħti __________________________ lil ħaddieħor fil-bżonn.
7. Is-sistema finanzjarja ta' kif tmexxi pajjiż tissejjaħ __________________________.
8. Is-saħħa u l-edukazzjoni huma drittijiet li għandu kull __________________________.
9. __________________________ huwa l-proċess li bih tagħraf kif għandek tgħix mal-oħrajn.
10. F'pajjiż __________________________ id-drittijiet tal-bniedem jiġu mħarsa.

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Immarka t-tweġiba t-tajba.**

1. L-industrija tgħin lill-pajjiż biex
   a) jiżviluppa r-riżorsi tiegħu u jżid ix-xogħol
   b) jipprovdi riżorsi naturali
   c) jġib ħafna turisti lejn Malta

2. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tfisser li jrid ikun hemm
   a) diżorganizzazzjoni
   b) ħwejjeġ tad-ditta
   c) ħarsien għas-saħħa fiżika, mentali u soċjali tal-ħaddiem

3. It-tielet settur tal-ekonomija jikkonsisti minn
   a) estrazzjoni ta’ riżorsi mill-art u l-baħar
   b) xogħol fil-fabbriki
   c) servizzi bħal komunkazzjoni, reklamar u trasport

4. Eżempji ta’ trejd unjons huma
   a) GWU, UĦM, MUMN
   b) TM, MEA, MIA
   c) ILO, WHO, UN

5. Wieħed mis-servizzi li tipprovdi l-ETC huwa
   a) applikazzjonijiet għall-fondi mill-UE
   b) korsijiet ta’ taħriġ għall-ħaddiema li jixtiequ jbiddlu l-impjieg
   c) appoġġ għal persuni li jabbużaw mid-droga

6. Kooperattiva hija
   a) kumpanija industrijali
   b) kumpanija fejn il-kapital u l-profitti jinqasmu bejn il-membri
   c) ħanut tax-xogħol

7. Negozjar kollettiv iseħħ bejn
   a) il-*management* u t-trejd unjon
   b) il-*management* u l-ħaddiema kollha
   c) il-ħaddiema u t-trejd unjon

8. L-edukazzjoni tul il-ħajja tista’ tgħin lill-ħaddiema għaliex
   a) jistgħu jitgħallmu ħiliet ġodda meta jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja
   b) ikollhom fejn imorru wara l-ħin tax-xogħol
   c) hija għall-anzjani

9. Hemm rabta kbira bejn ix-xogħol u l-konsumeriżmu għaliex il-bniedem jaħdem biex
   a) jixtri kemm jiflaħ
   b) kemm jista’ jkun ma jixtri xejn imma jfaddal biss
   c) jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu

10. Waħda mill-problemi tal-konsumeriżmu għall-ambjent hija
    a) iktar kemm ikun hawn provvista ta’ prodott, iżjed jonqos il-prezz
    b) iżjed kemm ikun skars il-prodott, iżjed jogħla l-prezz
    c) iżjed kemm nixtru, iżjed ikollna x’narmu

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C**: **Għid jekk hux VERU jew FALZ u għid GĦALIEX**

1. Kull bniedem li jgħix f'pajjiż Ewropew għandu ċittadinanza Ewropea. Veru/Falz

Għaliex______________________________

2. Il-valuri huma dawk it-talenti li għandu kull bniedem. Veru/Falz

Għaliex ______________________________

3. Il-pluraliżmu jgħin lid-demokrazija. Veru/Falz

Għaliex ______________________________

4. Anarkija tfisser stat ta' paċi u solidarjetà. Veru/Falz

Għaliex______________________________

5. Il-monopolju jgħin lill-konsumatur biex ikollu għażla ikbar. Veru/Falz

Għaliex______________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet li ġejjin fid-dettall.**

1. X'inhu r-rwol tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________(4 marki)

2. X'tip ta' xogħol twettaq il-*Caritas Malta*?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________(4 marki)

3. Permezz ta' **ERBA'** eżempji, għid x'tista' tagħmel biex ikollok saħħa mentali tajba.

______________________________

______________________________

______________________________

(4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'inhu ir-rwol ta' trejd unjon?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

5. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex in-nisa jsibu iżjed diffikultajiet mill-irġiel fuq il-post tax-xogħol.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

**(20 marka)**

**Taqsima E**: **Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA fit-tul.**

*Żgħażagħ Maltin iddiskutew il-faqar u qablu li f'Malta jeżisti faqar moħbi – mhux biss materjali iżda wkoll faqar spiritwali, emozzjonali, u intellettwali. Huma qalu li r-raġuni għala persuni jaqgħu fi stat ta' faqar huwa għaliex ma jagħrfux x'inhuma l-iktar bżonnijiet importanti u jonfqu l-paga fuq affarijiet li jistgħu jgħaddu mingħajrhom. Iż-żgħażagħ sostnew li l-pressjonijiet tas-soċjetà, fosthom bil-*peer pressure *u l-*media, *jistgħu jinfluwenzaw lill-konsumatur u l-mod ta' kif jiddeċiedi x'se jixtri. Huma kkwotaw esperjenza partikolari ta' familja li xtrat* plasma screen *waqt li l-faċilitajiet sanitarji tagħhom kienu toqba fl-art, u dan għaliex fuq il-post tax-xogħol il-missier kien jisma' lil sħabu jitkellmu dwar il-*plasma *li kienu għadhom kemm xtraw, iżda ħadd ma kien jitkellem fuq il-kamra tal-banju.*

**Silta addattata minn: http://maltadiocese.org**

**Mistoqsijiet**

1. Għaliex il-faċilitajiet sanitarji għandhom jingħataw prijorità fuq *plasma screen*?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Il-*media* ġieli joħolqu bżonnijiet artifiċjali. Kif?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(4 marki)

3. Agħti **TLIET** eżempji ta' prodotti essenzjali u **TLIET** eżempji ta' prodotti li mhumiex ta' bżonn.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(6 marki)

4. Ħafna drabi ż-żgħażagħ jiġu influwenzati minn *peer pressure* u jbiddlu l-valuri personali tagħhom biex jaqblu mal-grupp. Agħti **TLIET** eżempji ta' valuri personali li għandek u għid għaliex huma importanti għalik.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(6 marki)

5. Mod wieħed ta' kif jista jingħeleb il-faqar huwa bil-bżulija u x-xogħol. Faqar emozzjonali u intellettwali jista' jingħeleb permezz ta' impenn fis-soċjetà. Għid kif iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu sehemhom iżjed. Għaliex huwa importanti li ċ-ċittadini ma jkunux passivi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(5 marki)

**(25 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn il-komponimenti u ikteb madwar 200 ke**

1. Semmi modi differenti kif wieħed jista' jkollu saħħa soċjali tajba.
2. Il-*media* kif qegħdin jinfluwenzaw liż-żgħażagħ fil-valuri u l-imġiba tagħhom?
3. Ċerti tendenzi moderni ta' kif ngħixu ħajjitna qed iħallu impatt fuq is-saħħa tal-bniedem. Agħti eżempji ta' dawn u għid kif dawn it-tendenzi qed jaffettwaw saħħitna. Tista' tagħżel minn dawn li ġejjin: obeżità, drogi, xorb eżaġerat, dieti stretti u ikel żejjed, nuqqas ta' eżerċizzju, films mhux addattati għall-età, tniġġiż u l-użu eżaġerat tal-mowbajls.
4. Semmi **ERBA'** azzjonijiet industrijali li jistgħu jieħdu l-ħaddiema meta jkollhom tilwima industrijali.

**(25 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers